# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**120. 17 ta' DICEMBRU 1910. IT-TIELET SENA**

FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# MALTA OĦRA.

Forsi ftit minncom għadhom semgħu li f'id-dinja nibtet Malta oħra billi tinsab f'il bogħod ħafna minn hawn. Dina ma hix gżira iżda belt biss u li għad fiha xi seba mitt ruħ biss u li tigi f'Montana, ŭaħda m'il pajjisi li magħkudin flimchien jagħmlu l-Istati Uniti. Billi bejn New York u San Franciscu, il belt capitali ta'l Californja, hemm linja ta'l vapur-ta'l-art li tgħakkadhom flimchien u li biex tasal fukha minn belt għal l-oħra trid iddum riecheb ħafna ġranet, u billi dina trid tgħadi minn kalb ħama boschijiet u artijiet stramana fejn kabel actarx ma chienx rifes il bniedem, ma tul dina il-linja ta'l vapur-ta'l-art u biex ijcattru il cummerċ tagħha ucoll kiegħdin jibnu ħafna bliet żgħar li ma's-snin għad jicbru u jferrgħu risk bla tarf fuk il vapur-ta'l-art li jgħakkadhom flimchien.

* * *

Ŭaħda minn daŭna il bliet ġodda hi dina Malta hecc imsejjħa minn Cappillan ingliż jeŭ american li xi darba chien f'pajjisna. Maltin għad hemm ftit ŭisk li xejn fiha iżda sjed ir-raba ta' hemm billi jafu chemm hu ħaŭtiel, għakli u bieżel il Malti jixtieku ħama li jmorru ruxxmata Maltin seŭŭa hemmhecc ħalli daŭc il foresti jitbiddlu fi żmien kasir f'raba l-actar għammiel.

* * *

Iżda jakblilna li in-nies ta'r-raba tagħna jmorru hemmhecc? u jakbel l'in-nies ta'r-raba tagħna li jmorru jfittxu ħobżhom hemm? Aħna ctibna fuk dina il praspura chemm il darba għaliex jidhirli li dina hi ŭaħda m'il qŭestjonijiet l-actar ta' ħtieġa li setgħu katt jitkanklu f'pajjisna, u billi dan l-aħħar inchiteb u intkal ħafna fukha jidhirli li jiena ucoll għandi inżid il fehma ċchejcna tiegħi ma' ta'l katta.

* * *

Jiena jidhirli li sejjra tcun ħsara cbira għall pajjis jecc aħna nħajjru il bdieŭa tagħna biex ijmorru jaħdmu ir-raba f'artijiet oħra meta aħna għad għandna ħafna moxa fejn ijmiddu għonkhom biex jagħmluh raba m'il aħjar. Meta daŭna għandhom fejn jaħdmu haŭna għala għandhom ijmorru tant f'il bogħod biex jakilgħu il buccun ta' żakkhom ? U jistgħu daŭna jsibu tasseŭ fejn jaħdmu meta ma jafux b'ilsien ta' dac il pajjis m'hux biss iżda lankas jafu jaħdmu b'il għodod u il macni li bihom ijsir ix-xogħol collu ta' hemm?

Mela kabel ingħerrxu minn Malta il ftit bdieŭa li għandna hemm bżonn li inkanklu il Gvern biex jara chif jagħmel u joħlokilhom ix-xogħol haŭnhecc u biex jinħadem il ħafna moxa li għad bakgħilna cull fejn iddaŭŭar għajnejc.

* * *

Jecc għandna bżonn li tinfasad Malta bl-emigrazjoni ma hix dina il classi ta' nies li għandna bżonn nisbarazzaŭ minnha iżda dic ta' daŭc il ħafna żgħażagħ li imcellkin bi ftit scola, li lankas jafu jictbu ittra jeŭ ijgħidu erba chelmiet bl-ingliż jeŭ b'it-taljan bla sbalji jridu b'il forz ijsibu l-impjegi it-tajjba fejn ijmorru b'il għonk għoli, il bastoncin u l-ingŭanti u jakilgħu il belli flejjes. Daŭna għoddhom żegħdu Malta chif iddur u jseŭŭdulec kalbec x'ħin tarahom ijkattgħu l-isbaħ snin ta' ħajjithom u ta' żgħużithom, daŭc is-snin li fihom jistgħu jrabbu il għeruk f'il ħajja, jippassiġġaŭ ijpejjpu is-sigarretti dejjem mifnija b'it-tama bla temma li taka il bajtra ta'd-deheb f'ħalkhom. Minn daŭna il ħluk żejjda, minn dana il-laħam għaż-

mluh tajjeb tasseŭ u bi pronunzja ingliża li ma tantx tingħaraf minn ta'l ingliżi stess. Dana jurina b'iċ-ċar li daŭna is-Soiijiet m'hux biss huma ta' ħila iżda li jagħmlu chemm jistgħu biex ijmixxu lil daŭc il ħafna xbejbiet li huma mitluka f'idejhom u ghalhecc m'hux biss ħakkhom cull tifħir iżda li uieħed jagħmlilhom cull kalb ucoll. Ix-xogħlijiet li chien hemm maħduma m'ix-xbejbiet kalgħu ħafna tifħir ucoll. It-tkassim ta'l premji l-agħda għamlu il Magistrat Annibale Fiteni li tchellem magħhom tajjeb ħafna. Għaldakstant nixtikilhom cull risk biex ijcomplu għaddejjin il kuddiem dejjem għall gid ta' daŭc il ħafna xebbiet li jiġu merħija f'idejhom għall gid ta' ruħhom u ta' moħħhom ucoll.

★

Krajt bi pjacir cbir ir-romanzett għaŭdxi «MIN CHIEN HAMID» li ħareġ f'il Mogħdija ta'ż-Żmien ta's-Sur Fons Galea li cull ma tmur kiegħda tiżżejjen b'ħafna xogħlijiet sbiħ b'il Malti. Dana chitbu is-Suddjaconu G. Farrugia ta' Għaŭdex u għoġbitni l-ortografija li għad li fiha x'ijseuŭi iżda hi m'il aħjar.

Daŭna ir-romanzi ta' Storja patrija jagħmlu tajjeb ŭisk għaliex ijgħallmu b'mod l-actar ħelu l-istorja lill poplu u ma jħassrulux kalbu b'ħafna traduzjonijiet ta' xi romanzi franciżi u taljani m'il actar karrieka.

★

Bosta nies ta' kalb tajjba kiegħdin jatu flus u ħŭejjeġ għall «PRO INFANTIA» biex ŭieħed ijcun jista jiekaf ma' ulied il fkir u jirfdhom ftit m'il bard kieragh ta'x-xitŭa. B'il għajnuna ta'n-nies ħanina l-Ambulatorju ta'l Furjana miexi ġmielu u nitma li bħalu ma jdumux ma jinbtu m'hux biss f'il bliet l-oħra iżda fl-irħula ucoll ħalli dac il gid li kiegħdin jistgħallu it-trabi ta'l Furjana jcunu jistgħu jistgħalluh ucoll it-trabi l-oħrajn ta' Malta.

Dina ix-Xirca «PRO INFANTIA» għall gid u tagħlim li kiegħda ixxerred ħakkha cull tifħir u għrlhecc cull min jista jgħinha palata u jagħmlu jcun tasseŭ kiegħed jagħmel ħaġa ta' ħniena u gid cbir għal ulied il poplu.


## UAHDA ACBAR MIL'OHRA!

Ŭara is-sabieha Operetta Inglisa *CAPTAIN REECE* li bigha ghamlet furur immens, l'imfahhra Cumpannija Maltija, **L'INDIPENDENZA** hasbet biex taghmel biċċa xoghol acbar u isbah—keghda tlesti il famusa operetta

# GEISHA

u ser taghmilha collha chemm hi, shiha, chif s'issa l'ebda cumpannija f'Malta ghada ma ghamlitha. Xeni colla ġodda, vestiarju mill' isbah, luce elettrica ta effetti cbar, orchestra complita etc. etc. etc.

Taghmilha l'eŭŭel darba NHAR IL MILIED, il Hadd 25 ta Dicembru 1910, fit-8 u nofs ta fil ghaxija, fit-TEATRU MANOEL.

Min jixtiek jaraha jfittex jimmarca il postijet ghax ma jilhakx. Ijmur il Botteghin tat-Teatru cull jum mil hamsa il kuddiem.

## BUREAU DE CORRESPONDANCE

**Jecc tridu min jictbilcom xi ittri, ricorsi, petizjonijiet jeŭ ħŭejjeġ oħra bl'Ingliż, bi't-Taljan, b'il Franciż, bl'Ispanjol, b'it-Tedesc u bil Għarbi; jeŭ tridu xi traduzjonijiet min daŭna il-lingŭi għal Malti, morru fli SCHOOL OF LANGUAGES (BERLITZ SYSTEM) f'in-numru 17, Sda: Mezzodì, il Belt u tcunu mokdija seŭŭa ŭisk u bi prezzijiet m'il orħos.**


## Ir-Ragħajja ta' Għaudex.

X'ħin il cheŭcba ta'l għalf * tidher,
U 'l-għasafar jicsru 's-schiet,
Ta' cull jum Gaŭdenz u Rożi
Jakbdu 't-triek biż-żeŭġ merħliet.
Ferħanin it tnejn flimchien,
Għanja ŭaħda sa'l ŭiedien.

Malli jaslu geŭŭa 'l mergħa
Jerħu 'l bakar u 'n-ngħaġ tagħhom :
U taħsbux li daŭn battala
Ijgħadduh iż-żmien hemm magħhom ?
Alla jbierec ! Il Għaŭdxin
Dejjem chienu ħaŭtelin !

Ŭakt l' ijcunu 'n-ngħaġ jimirħu
U jirgħaŭ hemm il bakriet,
Gaŭdenz meħdi b'il flejguta
Ijsammagħlec żeŭġ dakkiet ;
Dan hu 'l hena, din hi 'l ħajja,
Ta' chemm huma ir-ragħajja.

Rożi bieżla minn ċcunitha
B'ħa'x-xebbiet l-oħrajn għaŭdxija,
Tintasablec fuk xi blata
Chit minn dejjem hi mdorrija.
U fis takbad il bizzilla
Jeŭ xogħ'l ieħor m'il bixchilla.

Meta tixba ; Rożi tkumlec ;
Għall ħubbejża tibda 'ddur
U tfittixlec dlonc is-sagħtar
Kalb il blat taraha tmur ;
X'ħin teħlislec m'id-daŭran
Tmur fejn ħuha għa's-serħan.

F'nots in-nhar seŭ, f'ħin il miecla
Rożi tneŭŭel il mactur,
Lil Gaŭdenz ma genbha 'ssejjaħ
Sabiex joftor magħha jmur.
Oh ; xi ħleŭŭa ! 't-tnejn ħenjin
Daż-żeŭġ żgħażagħ raħħalin.

Ŭara 'l fatra dlonc jistrieħu,
Ijdumulec sa's-sagħtejn ;
Bħal f'il għodu mbagħad jerġgħu
Ferħanin jokogħdu 't-tnejn,
Hu jdokkilha żeŭġ dakkiet
Hi tgħannilu żeŭġ għanjet.

Malli 'x-xemx tgħib geŭŭa 'x-xefak
Jiġbru collox għall maŭrien,
Rozi titfa 'l chebs ** fuk rasha
U jitilku m'il ŭiedien.
Ħuħa jsuk jibda 'l bakriet
Lejn id-dŭejra ma'n-nagħgiet.

E. C.

(*M'is-«Sebħ»*) (*Edŭardu Cachia*)

* *Dic li tidher ma's-sebħ imsejjħa « Venere Matutina » m'it-taljani.*

** *Dac il ftit ħatab u ħuxlief li jlakktu m'ir-raba biex ijchebbsu in-nar bih.*

# Il Musica Sagra Maltija

*(Tissocta minn numru ta' kabel)*

## Frangiscu Azzopardi.

Ũara li gibt il ħajja ta' dana il cbir compositur ta'l musica f'in-«Naħla» u daħħalt fiha dac collu li sibt fl-«*Arte*» gie f'idejja il ctieb rari ħafna li chien chiteb fuku il Canoncu ta'l Catidral Dr: Paũlu Pullicino fl-1876, u li għalhecc minnu sejjer nigbor dac collu li ma chienx hemm fl-«*Arte*» biex b'hecc fuk dana il bniedem imfaħħar malti ijcollna aħbarijiet chemm nistgħu.

--Il Capitolu ta'l Catidral fl-1870 kiegħed lapida ta' rħam fuk il kabar fejn jinsab midfun Azzopardi stess f'il Catidral b'chitba latina sabiħa ħafna minsuġa m'il għaref Canoncu ta'l Catidral stess Dun Vincenz Galea, Vigarju Generali u li tinsab miġjuba f'il ctieb li semmejna. Kabel ma chienu għamlu katt irħama hecc lil l-ebda Surmast ta'l Cappella ieħor ta'l Catidral.

—L-eũũel Surmast ta'l Cappella ta'l Catidral chien is-Sacerdot Fontana li actarx chien skalli. Dana miet fl-1623 u għalhecc riedu jgibu ieħor minn Caltagirone fi Skallija u biex jigi u jmur il Catidral ħarget għoxrin scud. Ma jafux jecc dana giex iżda nafu li fl-1633 chien haũn bħala Surmast ta'l Cappella ta'l Catidral is-Sacerdot Berardi. Fl-1744 laħak is-Sacerdot Belinn Zerafa li ũarajh laħak l-Azzopardi. Bejn Berardi u Żerafa chien hemm xi oħrajn iżda li isimhom intilef ma'ż-żmienijiet. Id-dakkaka u il cantanti chienu actarx ijgibuhom minn Skallija n bosta drabi minn Napli. Fl-1776 giebu haũn lil cantant famus ta' dac iż-żmien Lorenzino. li billi chien beda jixjieh xtak jistrih xi ftit u miegħu giebu ucoll minn Napli il cantant l-ieħor Dun Ghejtan Marino.

—L'is-Surmast ta'l Cappella ta'l Catidral chienu jorbtuh f'il cuntratt li għaudu jżomm scola ta'l musica m'hux biss biex dina is-sengħa tant sabiħa timxi f'il pajjis iżda ucoll biex il chierici ta'l Catidral ijcunu jistgħu jitgħallmu jcantaũ seũũa. Dana ħajjar xi Maltin li jinxteħtu għall musica u hecc għamel Dun Belinn Zerafa li ũara li dam għal tliet snin ijcanta f'il cor ta'l Catidral mar Napli biex jistudja seũũa il contrapunt ħalli jsir Surmast ta'l Cappella hu stess, billi dic il belt f'dac iż-żmien chienet imsemmija ħafna ma'd-dinja collha għa't-tagħlim ta'l musica. Giè f'Malta fl-1744 u malli ũasal il Capitlu ta'l Catidral ħatru bħala Surmast ta'l Cappella billi irnexxa ũisk u billi chiteb bosta bcejjeċ ta' musica sagra li ma nafx fejnhom. Nafu biss li dana, fl-1787, chien irrigala il musica tiegħu collha li chiteb lill Catidral stess. Dana miet fl-Isptar ta' Saũra ta'l Imdina fl-1804. F'locu chien jiddirigi il Cappella Azzopardi minn żmien twil kabel billi Zerafa chien xjieħ ħafna u ma chienx jiflaħ jagħmel dac ix-xogħol hu.

—Azzopardi tũieled f'il 5 ta' Mejju 1758, chif għidna, f'ir-Rabat ta'l Imdina. Billi fl-1754 l-Iskof Alferan chien neħħa lil Żerafa minn Surmast ta'l Cappella u billi Azzopardi chien dejjem ma dũar il Catidral jisma il musica billi chien ijħobbha ũisk tħajjar ijmur Napli biex jitgħallem il contrapunt b'it-tama li jilħak f'loc Zerafa. Iżda l-Iskof Fra Bartolomeũ Rull raġa sejjaħ lil Zerafa u il Capitlu chien ijgibu tant li għad li chien xieħ u ma felaħx jaħdem iżjed baka jatih is-salarju sa miet.

—Azzopardi mar Napli fl-1762 meta chien għad għandu biss erbatax il sena. Mar Napli għaliex cull min chien ijrid jirnexxi f'il musica, billi chien hemm surmastrijiet għappi, chien ijmur hemm; biss in-nisa chienu jmorru Venezja billi hemm chienu jistgħu jitgħallmu aħjar. F'Napli, f'dic il ħabta, chien hemm tliet Conservatorji ta'l Musica li chienu ta' Santa Maria di Loreto, ta' Sant' Onofrio u La Pietà de' Turchini, u minn daũna ħargu l-imfaħħra musicisti Traetta, Piccini, Sacchini, Gulielmi u oħrajn u fost is-surmastrijiet imfaħħra l-oħra chien hemm ijgħallmu il famusi Leo u Durante. F'il Conservatorju ta' Sta. Maria di Loreto chien ijcun hemm jitgħallmu ma'l mitejn ũieħed, f'tal Pietà xi mija u għoxrin u f'ta' St. Onofrio xi disgħin; b'collox mela fuk l-erba mitt student. Illum ma hemmx ħlief Conservatorju ũieħed.

—Azzopardi dam tmien snin jistudja f'Napli il musica. Jifhmu li l-imfaħħar Nicolò Piccini għallmu il composizjoni ta'l musica. Tasseũ li Scarlatti, Leo u Durante chienu mietu meta ũasal l-Azzopardi, iżda dana laħak hemm ftit ũara meũthom u chif ijgħarrafna l-ingliż Dr: Burney fl-Istorja ta'l Musica tiegħu daũc il Conservatorji chien għadhom fl-akũa tagħhom. L-istudju fihom chien ijsir minn sagħtejn kabel tlugħ ix-xemx s'attmienja ta' b'il-lejl b'siegħa u nofs żmien biss biex jieclu.

—Il Piccini chien ijħobb lil Azzopardi ũisk billi chellu xeħta cbira għall musica u ma dan chien jistudja ũisk. U sa chemm faħħru dana Piccini, ġo Napli, f'dac iż-żmien li barra minnu chien hemm Guglielmi u chienu ġa bdeũ jissemmeũ ħafna Paisiello u Cimarosa, hu turija li chien jisũa xi ħaġa. Ũara ll telak m'il Conservatorju ta' Sant' Onofrio baka jaħdem f'Napli bi snienu għal erba snin u dana juri li il ħila tiegħu ma chienetx żgħira billi musicisti tajjba f'dic il belt u f'dic il ħabta chien hemm addoċċ; u chien ijgħallem saħansitra f'xi monasterji u dana juri ucoll li chien galantom ħafna fl-imgieba tiegħu ta' nisrani. Chien jati ucoll xi cuncerti ta'l musica li chien jicteb u chien jiddirigi orchestri f'il pubblicu.

—Fl-1772 bagħat minn Napli, bħala rigal, kuddiesa tiegħu b'erba vucijiet u strumenti lill Catidral ta' haũn li intgħoġbot ũisk. Dina chienet it-tielet ũaħda billi chiteb l-eũũel ũaħda, fl-1768, meta chien għadu f'il Conservatorju u l-oħra fl-1770, meta chien ħareġ. Fl-1773 l-Iskof Pellerano bagħat għalih biex jagħmlu organista ta'l Catidral billi Surmast ta'l Cappella chien għadu Zerafa. Iżda billi irħielu f'idejh it-tagħlim ta'l musica lill chierici u li għandu jicteb bċejjec cull sena ġodda għall Catidral jigi li chien ħatru bħal Surmast ta'l Cappella ieħor. Azzopardi kal iva u meta gie il Capitlu tah l-istess salarju li chellu Zerafa.

—Beda ix-xogħol f'is-sajf ta'l 1774, meta Mons: Pellerano billi chellu x'ijgħid ma'l Gran Mastru Ximenes mar f'Ruma fejn baka sa miet. L-eũũel darba li iddiriġa chien jeũ f'il Conversjoni ta' S. Paũl (25 ta' Jannar) jeũ fl-Imnarja ta'l 1775 b'kuddiesa ġdida b'żeũġ cori, ħaġa ġdida għal Malta u li f'Napli chien bdieha il famus compositur Jommelli, li chien miżmum bħala l-akũa compisitur ta'l musica ta' dac iż-żmien, chien Surmast ta'l Cappella ta' San Pietru ta' Ruma u faħħruh ħafna sa Mons. Martini u l-imfaħħra poeti Metastasio u Mattei. Dan miet f'Napli f'l-istess sena li Azzopardi telak għal Malta—1774.

—Azzopardi cull sena, haũn Malta, chien ijsemmagħna biċċa musica jeũ tnejn ġodda li ħafna minnhom jinsabu merfugħa fl-Archivju ta'l Catidral u li f'erbgħin sena chiteb bejn kuddiesiet u salmi ma's-sebgħin biċċa, barra m'il inni, antifoni u gradũali. Il musica tiegħu li hemm merfugħa fl-Archivju ta'l Catidral hi din b'is-sena li fiha giet mictuba:—

1768—Kuddiesa. 1770—Kuddiesa. 1772—Kuddiesa (mogħtija b'rigal lill Catidral). *Dixit*, *Domine Probasti u Magnificat.* 1775—Kuddiesa b'żeũġ cori, *Laudate* assolo, *Beatus Vir.* 1776—Kuddiesa b'żeũġ cori, *Dixit* solenni, *Laudate*, *Confi-*

*teor, Te Deum.* 1777—Kuddiesa u *Dixit.* 1778—Credu Pastorali, *Domine ad adjuvandum, Confitebor, Beatus Vir, Laudate Dominum.* 1779—Kuddiesa u *Domine Probasti.* 1780—*Dixit, Dixit* ieħor iżgħar, *Confitebor, Laudate, Domine Probasti* u Credu. 1781—*Lauda Jerusalem, Laudate* assolo, *Laudate* b'ħafna vucijiet, *De Profundis, Magnificat* u *Miserere.* 1782—Kuddiesa b'erba vucijiet. 1783—*Laudate, Beatur Vir* assolo u *Confitebor.* 1784—*Magnificat.* 1785—Kuddiesa u *Domine ad adjuvandum.* 1786—*Laudate* u *Domine ad adjuvandum.* 1787—Kuddiesa, *Dixit, Laudate* assolo, *Beatus Vir* u *Laetatus.* 1788—Kuddiesa Pastorali. 1789—*Dixit* solenni u *Laudate* assolo. 1790—Kuddiesa u *Dixit* solenni. 1791—Kuddiesa b'erba vucijiet, *Domine ad adjuvandum, Nisi Dominus* u *Laude Jerusalem.* 1792—Kuddiesa, oħra, oħra ta'l mejjtin u Dixit solenni. 1793—*Lauda Sion, Laudate, Confitebor, Beatus Vir* għall baxx, Responsorj għall mejjtin. 1794—Kuddiesa, *Dixit* solenni u *Populus Meus.* 1795—Kuddiesa. 1796—Kuddiesa u *Laudate.* 1797—Sinfonija. 1798—Kuddiesa b'żeuġ cori, Credu, Kuddiesa ħafifa, *Dixit* u *Te Deum.* 1800—*Laudate, Confitebor, Beatis omnis, Domine Probasti* u *Magnificat.* 1801—*Miserere.* 1803—Kuddiesa bi tliet vucijiet u *Sanctus* solenni. 1804—*Sanctus.* 1805—Kuddiesa u *Dixit* solenni. 1806—Kuddiesa. 1807—*Vade Anania.*

Fi żmien il Blocc, 1799-801 ftit chiteb imħabba f'ittaħuid li chien haūn.

—Ūaħda m'il isbaħ bcejjeċ hi il *Lauda Sion,* u hemm min ijgħid li hu l-akūa xogħol tiegħu, u għadu sa'l-lum cull min jisimgħu jitgħaxxak bih. Din chitibha fl-1793 u għada issir f'*Corpus.* Id-Dr: Pullicino jgħid « *È impossibile con parole descrivere la bellezza di tutto quanto il componimento. Bisogna sentirlo per apprezzarne il merito. Questo componimento potrebbe bene mettersi nel rango delle più grandi composizioni musicali de' più celebri Maestri della Scuola Napolitana dal secolo decimottavo.*» Meta l'is-Surmast Pietru Paūl Bugeja talbuh li jicteb *Lauda Sion* ieħor meta laħak f'il Cappella ta'l Catidral ūiegeb li hu ma chellux ħila li jicteb ūieħed aħjar minnu, hu li chiteb dic il ħelūa *O Salutaris Ostia.*

—L-akūa żeuġ kuddiesiet tiegħu huma daūc li chiteb fl-1792, ūaħda għall Conversjoni ta' S. Paūl u oħra ta'l Mejjtin li chien chiteb għall funeral li sar haūn f'il meūt ta'l Imperatur ta'l Aūstrija Leopoldu it-Tieni. Daūna tant intgħoġbu li il Capitlu għamillu rigal sabiħ.

Sabiħa ħafna ucoll hi il Kuddiesa Pastorali ta'l 1788; u mfaħħrin ħafna geū ucoll il Kuddiesiet tiegħu *a due cori* li minnhom chif rajna chiteb tlieta.

—Fost l-Antifoni hi imfaħħra ħafna il *Levita Laurentius* li chiteb għall Birgu; l-*In Sepulchrum* għal San Filep ta' Ħa'ż-Żebbuġ; u is-*Sacerdos et Pontifex* għal S. Nicola ta' Siġġieūi. Il *Vade Anania* chitibha f'jum ūieħed kabel il il festa ta'l Conversjoni ta'l 1807, ħaġa li għaġġbet il cullħadd. Din chien l-aħħar ħaġa li chiteb kabel miet għall Catidral.

—Ūara il contralti Lorenzino u Marino fl-1793 ġiebu il Giuseppe Pozzuolo. Il biċċa il cbira ta'l musica ta'l Azzopardi hi mictuba għal daūna il contralti li billi il-lum ma għadhomx użati il musica tiegħu ma tistax tinstama f'il ġmiel tagħha collu.

—L-ischejjel ta'l cant f'il cnejjes catidrali bdeū minn żmien il Papa Ghirgor il Cbir, f'is-seclu sitta. L-iscola tagħna fi żmien Azzopardi chien fiha ħafna studenti tajjba tant li biha chien jagħmel f'il festi il musica tiegħu.

—Chiteb ucoll xi musica profana fuk il poesiji ta'l Metastasio, bħal ma huma *arji* u *duetti.* Fl-1784 chiteb id-dūett tant imfaħħar ta'l *Olimpiade* «Nei giorni tuoi felici,» billi chien chiteb l-istess dūett is-Surmast tiegħu stess Piccini. Paisiello chitbu ucoll. Chiteb xi ħaġa buffa ucoll għal l-istudenti ta's-Siminarju għall festi ta'l Carnival. Il bcejjeċ profani ta'l Azzopardi huma daūn:— 1772—Arja: *Nell istante sfortunato.* 1775—Cantata: *Malta felice.* 1777—Arja: *Per Pietà.* 1778—Dūett; *Tu vuoi che io viva.* Arja: *Ardi per me fedele.* Arja: *Conservati fedele.* Arja: *Vo solcando un mar crudele.* 1780—Arja: *Ah ! che nel dirti addio.* 1781—Terzett: *Siam fanciulle vergognose.* Arja: *Al caro ben che adoro.* 1782—Arja: *Se il labbro amor ti giura.* Arja: *Tremo fra i dubbi miei.* 1784—Dūett: *Parto ma sempre fido.* Dūett: *Nei giorni tuoi felici.* 1791—*La magica Lanterna per Carnivale.* 1796—Sinfonija.

—Imfaħħar ħafna hu l-Oratorju tiegħu «La Passione di Cristo» fuk cliem ta'l Metastasio, u li chiteb fl-1802. «*La musica è veramente superba. Basta sentire la prima Aria di Pietro a voce di basso, per formarsi un'idea della grandezza e della espressione che vi seppe il Mro. Azzopardi aggiungere colle sue note musicali alle parole* (Dr: Pullicino). Ma' dan chiteb ucoll Sinfonija għal kablu. Din il «Passione» saret f'it-Teatru tagħna u intgħoġbot ħafna, f'l-istess sena li chitibha. Ūara meūtu saret darb'oħra ucoll. Għala ma targax issir ?

—Meta chien jicteb biex jifhem seūūa il-latin chien ijmur ijfehimulu tajjeb il Can: Frangiscu Saverju Caruana li ūara laħak Iskof u billi chellu ucoll moħħ tajjeb biex ijżomm dac li jcun chiteb kabel chienu johorġu minn taħt idejh daūc ix-xogħlijiet hecc sbiħ u minsugin tajjeb; u billi chien ragel scruplus ħafna u mogħti għal Cnisja dac li chien jicteb chien tasseū ijħossu u għalhecc chien jirnexxilu.

—«Il Musico Pratico» tiegħu iddedicah lil Cav: Vincenzo Vergada u Ribera. Framery, l-imfaħħar compositur ta'l musica franciż, kalbu f'ilsien tiegħu fl-1786. Dan il ctieb intgħażel għall Conservatorju Reali ta' Parigi biex ijgħallmu fuku. Framery kal li indaħal għalih għaliex chien «*il più chiaro e il più metodico di tutti quelli che avea letto.*» Il Gretry, famus compositur franciż, dan ix-xogħol chien għoġbu ūisk, u il fehma tiegħu tisūa bla tarf.

—Fl-«*Avvertimenti per ben scrivere*» hemm ħafna tagħlim ta' fejda u sabiħ għal min ijrid jicteb il musica.

—Chiteb ucoll ittra critica fuk l-opra ta Dun Anton Eximeno «*Fuk il bidu ta'l musica*» billi dana chien ħareġ b'ħafna teoriji strambi li xeūūxu contra tiegħu l-aħjar musicisti ta' dac iż-żmien.

—Pietru Paūl Bugeja chien alliev ta'l Azzopardi u laħak Mastru di Cappella f'locu. Alliev ieħor chien Dun Ġusepp Burlò ta'l Birgu imfaħħar ħafna ucoll għal chitba tiegħu. Allievi ucoll chienu Dun Ġusepp Principato ta'l Isla u Dun Dor Piscopo ta' Ħa'ż-Żebbuġ li chienu imfaħħrin ħafna f'il-letteratura u f'il musica. Dun G. Principato chien Professur ta'l Letteratura f'is-Siminarju ta'l Imdina u chien ijdokk tajjeb ħafna l-orgni u chiteb xi musica tajjba. Dun Dor chien predicatur imsemmi b'il malti u ħalla xi bċejjeċ sbiħ ta'l musica ucoll. L'in-nisa Azzopardi ma chien ijrid ijgħallimhom katt billi chien scruplus ħafna. Għallem ūaħda biss—is-Sinjura Marjanna Schembri, bint l-Imħallef Dr: Giovanni, li irnexxiet ūisk f'id-dakk ta'l pjanu b'għageb ta' cullħadd.

—Fl-1804, meta miet Żerafa, ħa it-titolu ta' Mastru di Cappella ta'l Catidral. L-Iskof Labini chien ijħobbu ūisk.

—Azzopardi katt ma iżżeūūeġ. Miet f'ir-Rabat f'is-6 ta' Frar 1809 ta 62 sena u sarlu funeral sabiħ. Il musica tiegħu collha ħalliha l-oħtu Teresa li tatha lill Catidral b'rigal li dana għoġbu għamlilha. Il musica profana taha l'is-Sinjurina Schembri, ūara Sinjura Pullicino, allieva tiegħu.

—Il musica sagra tiegħu bosta drabi talbuha barra u saret f'Madrid, iżda billi il musica tiegħu ma hix stampata ftit ixxerrdet. Jixrak mela li xi ħadd jindaħal biex jakla is-sensja m'il Capitlu ta'l Catidral biex jara seūūa dic il musica u jistampa l-isbaħ bcejjeċ tagħha ħalli is-snin u il camla ma jekirdux tesor għażiż bħal dac għal dejjem.

# IS-SAHHAR FALZUN.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

« Colin » ŭiegibha ħminnufiħ Ħasan «għalija tħabbel rasec xejn għaliex ġa sibt min tani biex nitrejjak u lakagħni biex nist chenn f'Għar Ħasan, u hu stess ŭiegħidni li għandu jsibli x'nagħmel.... Dan lili ma jchiddni xejn... dac li kiegħed tasseŭ jitnili kalbi u li ma hux ijħallini biss ŭakt ŭieħed ħieni hu il ħsieb icreħ li int takta kalbec... li tħallihom ijdaŭŭruc biex tieħu il Paŭlu, b'iż-żegħil jeŭ b'it-tħeddid... li int.....»

« Ħasan ! x'int tgħid ?... » kabżet kaltlu Colina, x'ħin iġġranfat hi ucoll ma'l ħadid ta'l bieb bi ħrara cbira «mela int insejt li jiena maltija u nisel l-Abela u il Falzun u li għalhecc il chelma tiegħi tisŭa daks ħalfa ta' sultan ?... Neħħi mela d'il bluha li daħlet f'moħħoc u itma fija għaliex il meŭt biss trid tcun biex tekirdec minn kalbi li tħobboc u tferfer għalic b'dana il ġenn collu....»

—«Colin, aħfirli» kallha collu kiebi Ħasan x'ħin niżel għa'r-rcopptejh kuddiemha «aħfirli għaliex ma nafx fejn nati rasi.... ma nafx chif sejjer ingħix mifrud minnec... ma nafx chif sejjer ingerraħ li nara il Paŭlu dieħel u ħiereġ ħdejc u jien lankas biss ma nista narac, ma nista nchellmec....»

—«Min kalulec dan ? » staksietu Colina x'ħin ġibditu mn'idu biex ijkum b'il ŭiekfa. «Mela da'l bieb ma jibkax haŭn ?... mela jiena sejjra nitlef il ħila li ma nigix inchellmec ta' sicŭit ? Jecc ma nibkgħux naraŭ il xulxin u nitchellmu flimchien il ħtija tcun collha tiegħec u m'hux tiegħi...»

—«Jiena imkar ġo belligħa nakbeż ŭarajc» kallha Ħasan imxigħel b'imħabba l-actar cbira, f'il ħin li kabdilha idejha ġo idejh u għażżażhomlha tajjeb. «Itlobni narmi ħajti haŭn f'riġlejc biex tara chif ma nokgħodx naħsibha darbtejn... Jiena collni chemm jien tiegħec u cull ma tixtiek int, ijsir bla ma lankas biss narfa għajnejja lejc...»

«Ħallic minn dan, Ħasan» kaltlu b'il ħleŭŭa Colina, x'ħin resskitlu minn bejn il ħadid, ġbinha lejh. «Li ninħabbu nafuh, li nibkgħu ninħabbu sa'l meŭt ma nafx min jista ma jħalliniex....»

« Iva, iva...» temtem Ħasan u ressak xuftejh li chienu micluba bl-imħabba u bies lil Colina fuk ġbinha u fuk ħaddejha għal darba tnejn.

«Colina radditlu il beŭs bi ħrara xejn ankas minn tiegħu, Ħasan għamel il kalb, daħħal driegħu minn ġo'l ħadid u għannakhaa bi ħrara cbira. Hi tħajjret u għamlet bħalu u bakgħu hecc imgħoxxija għal ftit ħin; b'ix-xita tkattar sħiħ fukhom, b'iż-żunżifru jvenven ma dŭarhom u mfaŭŭra bħal żeŭġ peppriniet għad li chienet nieżla chesħa li ixxokk il għadam.

«Chif chienu mitlufa jgaħdu dac il ŭakt ħieni, fomm ma fomm, tisbita kaŭŭija ta'l bieb ta'l bitħa giegħlithom jakbżu xibrejn m'il art b'ħasda li ma bħalhaa. Colina gibdet malajr driegħha u Ħasan tiegħu għaliex sthajjlu li sejjrin jaraŭ l'is-Sinjura Enzjona fukhom mimlija b'il killa contra tagħhom.

—«Kabditna» għajjtet b'leħen fgat Colina u cŏllha imbeżżgħa bakgħet tistenna l-ommha tiffaċċa.

Iżda billi ma semgħetx leħinha rabbiet ftit ir-ruħ u kalet malajr lill maħbub tagħha:—

—«Ħasan, fittex ŭarrab kabel tilmħec... igri !... għada f'nofs il-lejl... haŭnecc...»

Ħasan għib bħal leħħa ta' berka u leŭŭet lejn tarf is-skak ħdejn Għabdallah biex ma jigix xi ħadd u jagħilku hemm geŭŭ.

Għadda ftit ta'l ħin u ma deher ħadd. Colina ħadet in-nifs u resket lejn il bieb biex tara min chien hemm. Baħħ. Allura ftacret li meta ħarget f'il bitħa ħallietu ftit imbexxak biex ma tħabbatx u li dana sabbat b'ir-rieħ kaŭŭi li chien kiegħed jonfoħ f'dic il-lejla kierħa. Issemmgħet ftit biex tara stenbaħx xi ħadd b'it-tisbita... xejn... ħemda cullimchien... u ferħet bla tarf li ma nkabdux għaliex chiecu ma chienux ijħalluhom jiltakgħu katt actar sgur. F'il ħin leħħet berka kaŭŭija, Colina ħarset lejn il bieb ta'l ħadid,... Ħasan ma chienx għadu hemm.,. ix-xita compliet tikliel... u hi, miblula għasra, ħasbitha li aħjar tinġabar cuta cuta lejn camritha kabel jinkala xi saram ieħor. Biddlet ħŭejjiġha, daħlet f'is-sodda iċċeccec snienha u kattgħet il bkija ta'l-lejl titħasseb fuk Ħasan u ittalla u tniżżel fejn sata mar jistchenn f'dac il lejl ta'l biża collu, u ittiegħem dac il beŭs ħelu li dac il ħali ta' Ħasan chien seŭŭbilha fuk il krolli fommha».

* * *

Meta Patri Damjan ŭasal haŭn b'il ġrajja tiegħu il kanpiena ta'l matutin dŭiet ma'l curutur collu; u għalhecc, f'il ħin li taptap fuk spallet Ħamid, li chien kiegħed jisimgħu bi ħrara l-actar cbira, kallu:—

—«Ibni, għal issa ktajtlec xeŭktec. Jien għandi x'nagħmel ħafna, u int is-Sur Kalamias kiegħed jistennic biex titilku lejn Ħal Għaxak kabel jibda it-tbellih f'it-torok billi illum hu Sibt il Carnival. Mur u kis li ma terħih xejn, għaliex b'il marda li għandu jista jmurlec bħal għasfur. Hu ħsiebu għaliex hu ta' min ijgħożżu ta's-seŭŭ u lilec ijħobboc bħal ibnu. Fhimtni ?.... u jien jecc incun nista nigi naracom ftit hemm ucoll....»

Ħamid feraħ, kam, ŭiegħdu li għandu jagħmel cull ma ŭiddbu u x'ħin bieslu idu ħareġ il barra jcarŭat lejn id-dar ta's-Sur Kalamias billi chien beda jisbaħ ġmielu.

Ix-xŭejjaħ rodjott chien ġa liebes u il caless chien kiegħed imħejji jistenna ŭara il bieb b'is-sarar li chienet għabbiet fih il kaddejja.

Is-Sur Kalamias staksih fejn chien u għala iddaŭŭar, iżda meta Ħamid ŭiegħu li ma riedx jitlak kabel ma jcun sama kuddies u bies id Patri Damjan, is-Sur Kalamias tbissem u kallu li għamel seŭŭa u li hu jagħli talli ma satax jagħmel bħalu. Għin l'is-Sur Kalamias jinżel it-taraġ, ŭieżnu ma' Chieli ta'l caless biex tala fih u sa chemm il kaddejja ġarret ħdejn ix-xŭejjaħ il griefex żgħar collha li chienu jonksu, Ħamid telak girja ŭaħda sa geŭŭa, rafa il Sidor bejn idejh m'in-nieka għax chien mistenbaħ, biesu chemm felaħ sa bicchih u x'ħin telku jŭerżak u jferfer idejh għa'x riedu f'idejn l imreddgħa u x'ħin ŭiddibha li tibża għalih għa'x jilŭilha għonkha la jigi, sgiċċa il barra, tala fuk is-saldatur u malli telgħet Peppa il kaddejja, saku ċaklem, ċaklem lejn Ħal Għaxak.

(*Jissocta.*)

## XARADA.

—

*L-eŭŭel* sibha fl-alfabett;
B'it-*tieni* jilagħbu it-tfal;
L-*intier* culu m'az-zalzett
Imgħolli ġo xi caŭlata,
U jinżillec tajjeb nett
Meta tmur ma'l ħbieb baŭxata.

X.

# "IŻ-ŻUNŻANA."

Da'l ŭakt sejjra tibda toħroġ dina il gazzetta ġdida b'il Malti u li sejjra tcun suppliment ta'n-«Naħla» tiegħi.

Nisthajjilcom tgħiduli: «X'hemm bżonnha? ma għandecx in-«Naħla,» din ma hix b'iż-żejjed?» Meta infehimcom għala sejjer noħroġha taraŭ intom stess chif tatuni raġun.

In-«Naħla» ħlakta biex ingħallem il poplu u irnexxiet actar milli katt ħsibt jiena għaliex lakgħuha u ferħu biha l-aħjar nies u l-actar intelligenti ta'l pajjis. Iżda bosta oħrajn ma humiex ħlief ijgħemgmu li jridu jakraŭ l-aħbarijiet, il baned ijridu il programmi, l-imsieħbin ijridu in-necrologiji, id-devoti ijridu il festi, xi uħud ijridu il polemichi, aħna cull tant ijcollna bżonn niddefendu ruħna contra il ghideb u it-tnassis ta'l għedeŭŭa tagħna u ta' daŭc li in-«Naħla» tiegħi iġġiegħilhom tant jitkagħŭxu bl-ugiegħ ta' żakk. Fi ftit cliem, billi il «*Malta Tagħna*» ilha toħroġ fuk għoxrin sena u għal żmien tŭil chienet timraħ hi biss f'idejn il poplu baxx, dana dara jakra daŭc l-affarijiet għad li fihom il ħajja biss ta' mument u jridhom.

Jiena biex niccuntenta il cullħadd u naktagħlu xeŭktu sejjer ma indumx ma noħrorġ gazzetta oħra ta' cull gimgħa li tatiħ dac collu li soltu jakra f'il «*Malta Tagħna*» u aħjar, cull tant bl-istampi u b'il premji, u

### B'NOFS PREZZ

billi għad li jcun DAKS il «*Malta Tagħna*» ma jcunx ijkum ħlief ŻEŬĠ XELINI F'IS-SENA (sitt ħabbiet cull numru) li jitħallsu xelin cull sitt xhur b'il kuddiem. L-ispejjes ta'l posta jitħallsu barranin. Min hu imsieħeb f'in-«Naħla» ma jħallasx ħlief XELIN F'IS-SENA BISS ACTAR u posta ma jħallasx barranija billi jircevih ma'n-«Naħla» bħala *supplement*. Dana ix-xelin jitħallas f'dakka u bil kuddiem.

B'hecc in-«Naħla» tibka *rivista* u jcun fiha m'il bidu sa'l aħħar ħŭejjeġ ta' tagħlim biss, u il frac, l-aħbarijiet, in-necroloġiji u il ħŭejjeġ l-oħra jgħaddu f'IŻ-ŻUNŻANA billi dina tcun gazzetta li meta tinkara ŭieħed jista jkattagħha għaliex l-aħbarijiet ijmutu malajr u in-«Naħla» tiftaħ actar il ŭisa għat-tagħlim li jibka jinġabar sa il karrejja ta'l malti jcollhom ENCICLOPEDIJA minnha li isservi lilhom u lill uliedhom.

Id-daks ijcun l-istess ta'n-«Naħla» u bl-istess carta, biss b'ERBA faċċati f'loc bi tmienja. Dina tcun tinbih f'it-torok ucoll iżda B'IS-SOLD IL COPJA. Mela jakblilcom actar li tissieħbu u MIN JIBGĦAT JISSIEĦEB MA TUL DANA IX-XAHAR MA' L-EŬŬEL ĦLAS LI JAGĦMEL JIEĦU B'RIGAL IL «MAĦBUB TA' GESU': IS-SABIĦ CTIEB TA'S-SUR ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI. Mela billi tieħdu dana il ctieb riġal il ħlas ta's-sena jarġa JONKOS B'XELIN u b'hecc l-imsieħbin ta'n-«Naħla» jcunu kiegħdin jieħdu għal l-eŭŭel sena iż-ŻUNŻANA B'XEJN u min ma hux imsieħeb f'in-«Naħla» JCUN KIEGĦED JIEĦU GĦAL-LEŬŬEL SENA GAZZETTA AĦJAR M'IL «*Malta Tagħna*» u **B'XELIN BISS** F'LOC B'ERBA XELINI. Dana juri li għad bakagħli iż-żejt għaliex il ġurnalismu għalija hu ideal u passatemp u m'hux maxtura u ħobż ta' cull jum.

L-EŬŬEL MITT IMSIEĦEB natihom ucoll copja cull ŭieħed ta'l Eŭŭel Taksima ta's-«SAĦĦAR FALZUN» u b'hecc l-eŭŭel sena tcun giethom B'XEJN, u daŭc li huma ġa imsieħbin f'in-«Naħla» jcunu fuk ir-rieħ. Mela fittxu ibagħtu issieħbu B'ITTRA MILL ACTAR FIS u jecc fiħa tibagħtu il flus li fehimtcom tircievu il premji.

**A. LEVANZIN.**


Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'
IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI
TAD-DEHEB
GHAL
KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU
JINBIEGH 1/8 & 1/10 IR-RATAL
GHAND L'AGENTI F'MALTA




C. CAMILLERI & SONS
50 STR. MERCANTI IL BELT
CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.
BL. BY FORMOSA.

## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso** Urso resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijŭttxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

---

Min ijrid jixtri oġġetti ta'l metall m'il isbaħ li jistgħu isservu bħala rigal għal-xi żŭieġ jeŭ magħmudija, bi prezzijiet m'il-irħas ijmur f'il ħanut ta' Bartolomeo Pisani, Strada Levante No. 150, il Belt.

Fl-istess stabiliment jimbigħu ucoll u jinxtraŭ bolli użati.

---

## FRANCOBOLLI

Min ijrid jixtri francobolli użati għall collezjoni jmur ta's-Sliema, Strada Prince of Wales, Nu. 213, cull jum, minn nofsi nhar il kuddiem, u jħassei ħafna bolli sbiħ b'nofs prezz ta'l Catalogu.

---

# BRITANNIA

## STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Għodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgħa, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

## INJAM

**ta'l aħmar, ta'l abjat, u ta'l caŭba.**

**Collox m'il irħas u m'il aħjar.**

## BRITANNIA

---

## L=OSSIGENU

li illum hu tant użat f'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx joħroġ pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqŭida) sab chif minn dina l-arja liqŭida joħroġ l-

### OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal dina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' ħtieġa.

HAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu ħlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f'loc li jokgħod jistenna li jlestuhulu fi spiżżeriji oħra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat ħafna.

# Is-Sur Raff: Bonello

## TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

għandu għal bejħ cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.

---

## INVENZJONI FAMUSA

**li sgur dic li għamlu dan l-aħħar billi sabu ħaġa li tiffranca m'hux biss xogħol u żmien iżda flus ucoll u taħbit f'il ħasil.**

**Mela biex tiffrancaŭ ix-xogħol u l-għeric**

## UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex tiffrancaŭ is-sapun għaliex taħlu ftit**

## UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex ma thallsux ħassiela u ma taħlux ħafna żmien**

## UZAU "IR-RUBNIT"

**li jinbiegħ il Belt għand ir-Sur WAGNER, ta' Strada Zaccaria u T'as-Sliema għand il « BRITANNIA » ta' Sda. it-Torri.**

---



Min hu marid bi-ANEMIJA (nakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L'ELIXIR**

## TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭħ fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

---

## IS=SECLU TA'N=NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haŭn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il misħuta**

## NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Hafna ippruvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

### Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ŭara studju cbir sab il famus**

## ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŬĦ GĦALIEX MA JIBDIELCOMX!**

---

In-"Nahla" tistampa ruħha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.